



Brussell, 14 ta' Marzu 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0198(COD)

17102/24
ADD 1

COH 88
CADREFIN 229
CODEC 2356

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ġisieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar strument għall-iżvilupp u t-tkabbir tar-Reġjuni tal-Fruntiera (BRIDGEforEU) – Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fid-29 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ressqet il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier (ir-Regolament dwar l-ECBM)¹, li kienet parti mill-pakkett leġislattiv tal-Politika ta' Koeżjoni għall-2021-2027.
2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-Regolament ECBM fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu fl-14 ta' Frar 2019.
3. Fit-13 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta emendata għar-Regolament ECBM², li għandha l-għan li tipprovdi qafas legali applikabbli għall-Istati Membri kollha biex tgħin jinstabu soluzzjonijiet għal ostakli legali u amministrattivi li potenzjalment jimminaw l-interazzjoni transfruntiera u l-iżvilupp ta' reġjuni transfruntieri.
4. Il-proposta temenda l-proposta inizjali tad-29 ta' Mejju 2018, li l-valutazzjoni tagħha mill-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi waqfet fl-10 ta' Mejju 2021, minħabba tħassib legali relatat mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità mqajjem mill-Istati Membri u kkonfermat mis-Servizz Legali tal-Kunsill fl-opinjoni tiegħu maħruġa fit-2 ta' Marzu 2020³.
5. Il-proposta emendata twieġeb għar-rapport leġislattiv fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew⁴ li ġie approvat fil-plenarja fit-13 ta' Settembru 2023.
6. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta emendata fis-17 ta' April 2024⁵.

¹ Dok. 9555/18.

² Dok. 16805/23.

³ Dok. 6009/20.

⁴ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2023-0252_MT.html.

⁵ Dok. 9207/24.

7. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta emendata fl-24 ta' April 2024⁶.
8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi eżamina l-proposta emenda tar-Regolament ECBM f'għadd ta' laqgħat taħt il-Presidenza Belġjana u dik Ungeriża.
9. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ħareġ it-tieni opinjoni fit-8 ta' Mejju 2024⁷.
10. Fit-18 ta' Ottubru 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-mandat ta' negozjar.
11. Abbażi ta' dan il-mandat, il-Presidenza Ungeriża wettqet negozjati interistituzzjonali. L-ewwel trilogu politiku sar fil-25 ta' Novembru 2024 u t-tieni u l-aħħar wieħed sar fis-16 ta' Diċembru 2024.
12. Fis-17 ta' Diċembru 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti analizza t-test ta' kompromess finali tal-proposta emendata għar-Regolament ECBM bil-ħsieb ta' qbil u kkonfermah.
13. Fis-27 ta' Jannar 2025, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) tal-Parlament Ewropew approva l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali. Fil-5 ta' Frar 2025, il-President tal-Kumitat REGI indirizza ittra lill-President tal-Kunsill li turi li, jekk il-Kunsill japprova t-test maqbul fl-ewwel qari, wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament Ewropew fit-tieni qari tiegħu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi.

⁶ Dok. 9664/24.

⁷ Dok. 9345/24 + COR 1.

II. OBJETTIV

14. L-għan tal-proposta emendata huwa prinċipalment li tindirizza t-tħassib tal-Kunsill li wassal biex il-fajl jiġi staġnat, u tipprovdi qafas legali applikabbli għall-Istati Membri kollha biex tgħin jinstabu soluzzjonijiet għal ostakli legali u amministrattivi li potenzjalment jimminaw l-interazzjoni transfruntiera u l-iżvilupp ta' reġjuni transfruntieri.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Kuntest proċedurali

15. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim bikri fit-tieni qari abbażi tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. It-test tal-abbozz ta' pożizzjoni tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġislaturi.

Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin

16. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq qbil bejn il-koleġislaturi:
- il-pajjiżi terzi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni, iżda r-regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jistabbilixxu oqfsa proċedurali ekwivalenti skont il-liġi nazzjonali biex jidentifikaw u jsoġvu ostakli transfruntieri legali u amministrattivi fil-kooperazzjoni tagħhom ma' pajjiżi terzi;
 - l-istabbiliment ta' punti ta' koordinazzjoni transfruntieri huwa volontarju, u l-Istati Membri għandhom għażla libera tal-mod kif isolvu l-ostakli transfruntieri, inkluż li ma jsoġvuhomx;
 - persuni fiżiċi huma esklużi mill-possibbiltà li jkunu inizjaturi ta' fajls transfruntieri; l-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni dettaljata dwar kull fajl transfruntier huwa limitat esklużivament għall-Istati Membri li jistabbilixxu punti ta' koordinazzjoni transfruntieri, u konsegwentement ir-rekwiżit li jiġu stabbiliti reġistri pubbliċi nazzjonali dwar fajls transfruntieri ġie eliminat. Minflok, ser jiġi stabbilit u miżmum reġistru pubbliku tal-Unjoni mill-Kummissjoni;

- l-obbligi għall-Istati Membri li ma jistabilixxux punti ta' kuntatt transfruntieri huma limitati għal (i) is-sottomissjoni ta' informazzjoni dwar awtorità rilevanti li tista' tiġi kkuntattjata u li tirċievi informazzjoni minn punt ta' koordinazzjoni transfruntier ta' Stat Membru ġar li jittratta fajl transfruntier, u (ii) l-għoti ta' informazzjoni dwar is-segwitu volontarju, jekk ikun hemm, unikament għal ostakli transfruntieri ttrattati wkoll minn punt ta' koordinazzjoni transfruntier minn Stat Membru ieħor.
17. Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew kien fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq qbil bejn il-koleġislaturi:
- it-titolu tar-Regolament inbidel għal Strument għall-Iżvilupp u t-Tkabbir tar-"Reġjuni tal-Fruntiera" – BRIDGEforEU";
 - il-fruntieri marittimi nżammu fil-kamp ta' applikazzjoni. Madankollu, instab kompromess bejn il-pożizzjonijiet tal-koleġislaturi, li ma jimponix l-istabiliment ta' punti ta' koordinazzjoni transfruntieri għall-fruntieri marittimi anke jekk l-Istati Membri jkunu stabbilewhom għall-fruntieri tal-art, u li jeskludi minn kwalunkwe obbligu lill-Istati Membri għejjer li għandhom biss fruntieri marittimi ma' Stati Membri oħra.
18. Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew kien fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li ma kinux inklużi fil-kompromess finali:
- f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew ried li l-persuni fiżiċi jkollhom il-possibbiltà li jkunu inizjaturi ta' fajls transfruntieri;
 - lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew kellu l-għan li jestendi l-applikazzjoni tar-Regolament anke biex isolvi l-ostakli legali u amministrattivi transfruntieri bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

IV. KONKLUŻJONI

19. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.
 20. Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u li, ladarba jiġi adottat, il-BRIDGEforEU ser jikkontribwixxi biex jgħin jinstabu soluzzjonijiet għal ostakli legali u amministrattivi li potenzjalment jimminaw l-interazzjoni transfruntiera u l-iżvilupp ta' reġjuni transfruntieri.
-